KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA’ LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 58

**It-Tlieta 14 ta’ Ġunju 2023**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa’ fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier (onlajn)
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 58.1 Qari tal-Apoloġiji

58.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 58.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 57

58.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

58.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 57 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 58.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

58.3.1 Is-Sindku informa li ntbagħtet l-oġġezzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-iżvilupp fil-Wied ta' Għeriexem. Kien hemm qbil li għandha tinħareġ stqarrija pubblika.

58.3.2 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu attendew għal laqgħa ma' IM dwar ir-rikostruzzjoni tat-toroq li kienu ġew issuġġeruti mill-Kunsill Lokali. Huwa informa li fl-ex-Married Quarters mhux possibbli li jsiru garaxxijiet jew struttura miftuħa imma se jirranġaw il-bankini u ssir rampa mat-tarag u l-parkeġġ. Hawnhekk waslet il-Kunsillier Mifsud. Il-ħin kien is-5:45pm. Huwa kompla jinforma li se ssir junction bejn Triq l-Orkidea u Triq Sir Leslie Rundle biex ikun hemm aktar sigurtà biex wieħed jaqsam it-triq. Fi Triq Gregorio Carafa se ssir bankina u parkeġġ ġdid. Il-perit tal-Kunsill għandu jiġi mitlub japplika ma' TM u jinkludi wkoll il-bankini; Fi Triq l-imtarfa se jsir rikostruzzjoni tat-triq minn pjazza palma sa Triq il-Konti Theuma Castelletti; Fi Triq il-Konti Salv Manduca ġiet esproprijata l-għalqa biex titwessa' t-triq; kien hemm qbil li ħdejn tal-lottu, titneħħa parti mill-bankina biex jidħlu aktar vetturi pparkjati. IM se taghmel ukoll xogħlijiet bejn il-bypass u t-telgħa tal-Imtarfa. Il-pjan hu li s-cycle lane tiġi tgħaaqqad ma' dik ta' Triq il-kavallier Vincenzo Bonello. Se ssir ukoll roundabout f'nofs il-bypass; Ħdejn l-iskola primarja għandhom ukoll jintbagħtu l-ħaddiema jimmarkaw l-art minħabba li dax-xogħol qatt ma kien sar.

58.3.3 Is-Sindku informa li Project Green bdew ix-xogħol fuq il-bosk ta' ġewwa fejn imtlew il-ħofor u tnaddaf il-ħaxix selvaġġ kollu. Huwa kompla jgħid li issa jmiss li jsir survey u jitneħħa l-materjal li nġabar minn isfel. Huwa qal ukoll li sadanittant kien iltaqa' ma' rappreżentanti tal-FKNK fejn dawn urew l-interess li jrawmu l-gamiem ġo guva biex imbagħad jitħallew itiru fil-beraħ. Min-naħa ta' Project Green kienu aċċettaw li jieħdu ħsieb il-kostruzzjoni tal-guva. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

58.3.4 Sadanittant is-Sindku u s-SE flimkien mal-Perit tal-Kunsill kienu attendew għal laqgħa ma' Project Green. Dawn kienu infurmaw li sal-aħħar ta' Ġunju, il-Kunsill irid idaħħal l-aktar disinni updated u finali sal-aħħar ta' Ġunju filwaqt li sal-aħħar ta' Lulju jridu jkunu ddaħħlu l-kopji kollha tal-offerti sabiex jiġu vvettjati.

58.3.5 Is-Sindku informa li appikk li jibda x-xogħol tar-rikostruzzjoni tal-ħwat ta' bejn il-barracks mill-ħaddiema tal-Public Works Division.

58.3.6 Huwa informa wkoll li IM se tieħu ħsieb ukoll tirranġa l-pjazzetta u l-passaġġ bejn Blokk R u Blokk Q, fi Triq il-Ġiżi minħabba li ma kienx hemm aċċessibilità għal min juża wheelchair jew pram.

58.3.7 Min-naħa tiegħu kien reġa' aċċennalhom għax-xogħlijiet li hemm bżonn isiru fi Triq il-Peprin u Triq in-Narċis minħabba li wara x-xogħol li sar min-naħa tagħhom numru ta' residenti kienu qed jispiċċaw bl-ilma dieħel għandhom. Kien semma' wkoll il-kwistjoni tad-dawl fil-barracks fejn wara x-xogħol ta' rikostruzzjoni l-kuntrattur kien ħalla ħerba sħiħa fis-sistema tal-cables u l-Kunsill spiċċa kellu jirrimedja billi jwaħħal ammont kbir ta' floodlights maż-żona kollha.

58.3.8 Is-Sindku informa li r-Reġjun kien għadda numru ta' *commitment letters* dwar skemi u korsijiet li se jsiru matul din is-sena. Bażikament kien hemm skema għal €5,000 dwar il-kultura, €3000 għal attività minn NGO lokali, €2000 għal *marketing* ta' attivitajiet u qbil li jsir *social media marketing* kif ukoll *sponsorship* ta' *posts* fuq il-paġna ta' *facebook* tagħhom.

## 58.4 Talba għal BBQ fil-pjazza tal-Imtarfa

58.4.1 Is-Sindku informa li kellu talba minn numru ta' ġenituri biex isir BBQ fil-pjazza. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li m'għandux oġġezzjoni sakemm isir il-permess neċessarju għal attività fl-uffiċċju tal-Kunsill.

58.4.2 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-applikazzjoni għall-permess trid tasal għand il-Kunsill minn numru ta' ġimgħat qabel u dan jintbagħat kopja tiegħu lill-Pulizija tad-Distrett minħabba kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà għal terzi, possibbiltà ta' storbju, u xi kundizzjonijiet oħra li hemm marbuta miegħu.

## 58.5 *Updates* dwar il-proġett tal-*Visitors Centre*

58.5.1 Is-SE infurmat li l-Ħamis u l-Ġimgħa li għaddew suppost li kien beda jingħata l-konkos tal-art tal-VC però x-xogħol kien inbeda dakinhar filgħodu minflok, kważi ġimgħa wara. Sadanittant kienet ġiet infurmata li ħadd ma seta' jaċċessa s-sit għal ġimgħa sħiħa sabiex il-konkos ikun jista' jinxef u jistrieħ. Għalkemm kien hemm id-dewmien biex isir ix-xogħol tal-konkos tal-art, kienet qed tispara li min-nhar it-Tnejn 19 ta' Ġunju, il-kuntratturi l-oħra kienu se jitħallew ikomplu x-xogħol tal-M&E's u tal-ELV's. Sadanittant kien beda jsir it-twaħħil ta' strutturi biex jeħel il-corten mas-saqaf u eventwalment jeħlu wkoll l-aperturi mad-dawra kollha. Hija infurmat li għalkemm kienet tat *deadline* sal-aħħar ta' Ġunju, kienu nqalgħu numru ta' komplikazzjonijiet oħra u l-proġett waqa' lura b'xi ġimgħatejn jew tlieta. Min-naħa l-oħra qed tispera li x-xogħol kollu (apparti s-snags) jkun tlesta sal-aħħar ta' Lulju.

58.5.2 Is-SE infurmat li kienet ġiet mgħarrfa li l-capping tal-ko-finanzjament għal proġetti tal-UE kien tela' għal €150,000 u għaldaqstant kienet se tapplika biex il-Kunsill jibbenefika minn €50,000 oħra. Hija fakkret li wara li ddaħħlet l-ewwel applikazzjoni, il-kumitat kien approva li jgħaddilna €100,000 li 50% ngħataw bil-quddiem u l-50% li fadal jingħataw wara li tgħaddi r-rapport finali. Fid-dawl ta' dan kollu kienet se tagħmel talba biex mill-aktar fis possibbli, jiġu mgħoddija €25,000 biex tkun tista' tkompli tħallas minnhom minħabba li fil-preżent kellha problema ta' *cash flow*. Dan ikun ifisser li fl-aħħar tas-sena, u wara li jirnexxielha tagħlaq il-proġett fl-intier tiegħu, il-Kunsill ikun jista' jiġbor lura €75,000.

58.5.3 Sadanittant kienet intbagħatet talba oħra biex jiżdiedu l-fondi tal-ERDF biex ikopru l-kuntratt tal-*finishes* fl-intier tiegħu u possibbilment xi xogħlijiet oħra li hemm bżonn li jsiru qabel ma ssir l-inawgurazzjoni.

58.5.4 Is-SE infurmat li kienet tellgħet avviż fuq facebook biex tiġbor xi kwotazzjonijiet għall-produzzjoni tal-filmat iżda sal-ġurnata għadha ma rċeviet ebda risposta għalkemm kien hemm emails mingħand min wera interess. Hija ħeġġet lill-Kunsilliera biex jixxerjaw il-posts tal-Kunsill sabiex ikun hemm aktar *exposure*.

58.5.5 Is-SE infurmat li l-kuntratti ta' AASK, Brands, ESS u Alberta kienu waslu biex jiskadu jew għadhom kif skadew u għaldaqstant, fid-dawl li x-xogħol kien waqa' b'xi ġimgħat lura, kien hemm qbil li dawn jiġu estiżi kollha sal-aħħar ta' Lulju.

58.5.6 Hija infurmat ukoll li kienet għamlet kuntatt mal-maniġer tal-kultura tar-Reġjun u għandha tagħmel laqgħa magħha biex tibda tiġi diskussa l-attività tal-inawgurazzjoni.

58.5.7 Hawnhekk tqajmet diskussjoni fuq is-servizz tat-tindif għal-latrini b'mod speċjali fid-dawl li dalwaqt se jkunu operabbli l-latrini l-ġodda tal-VC minflok dawk qodma. Kien hemm qbil li fid-dawl li fil-preżent il-Kunsill kien qed jonfoq kważi €7,000 fis-sena fuq tindif tal-uffiċini u latrini, is-SE għandha tagħmel talba għall-ingaġġ ta' Cleaner fuq bażi ta' 20 siegħa fil-ġimgħa fuq skala 18. Fir-rigward tal-latrini nfushom, li fil-preżent kienu qed jingħalqu fl-għaxijiet, wara diskussjoni kien hemm qbil li dawn għandhom jibdew jitħallew miftuħa sabiex tissolva l-problema ta' min se jagħlaq.

58.5.8 Hawnhekk il-Kunsillier Dr Attard għamel suġġeriment biex jekk il-*lock* tal-bibien għadha ma nxtratx, minbarra li dawn ikunu *coin-operated*, għandhom ikunu wkoll *contactless* għal min forsi ma jkollux muniti fuqu. Is-SE kienet se tiċċekkja jekk il-Kunsill għadux fiċ-ċans li jibdel il-*locks*.

58.5.9 Kien hemm qbil li minħabba li l-Kunsill kien se jibda jkollu introjtu kemm minn dawk li jużaw il-latrini kif ukoll mill-bejgħ tal-biljetti u kiri tal-VC, ikun jaqbel li s-SE tagħmel kuntatt mal-avukat biex tiġi fformulata bye-law biex tirregola dawn id-dħulijiet.

## 58.6 Ħruġ ta' offerti għall-Knis u għas-Soft Areas

58.6.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet id-dokumentazzjoni lid-DLG sabiex jiġu *vetted* qabel jiġu ppubblikati.

58.6.2 Sadanittant ġiet mitluba biex tgħaddi l-ismijiet tal-persuni li se jkun hemm fuq il-bord. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-bord għandu jkun magħmul mis-Sindku, is-SE, l-*accountant* tal-Kunsill u żewġ Segretarji Eżekuttivi.

58.6.3 Hija infurmat li fiż-żewġ *tenders* kien ġie speċifikat li jrid ikun hemm ħaddiem fuq 40 siegħa jew aktar minn ħaddiem wieħed għall-istess ammont ta' sigħat u fil-każ tat-*tender* tal-knis, kien ġie speċifikat li kull triq se titnaddaf darba fil-ġimgħa mhux darbtejn, hekk kif kien ġie deċiż waqt laqgħa preċedenti.

## 58.7 Punti Oħra

58.7.1 Is-SE infurmat li d-Dipartiment tal-*Cleansing* kien assista lill-pulizija biex tnaddfet biċċa art pubblika fi Triq il-Maqdes Ruman.

58.7.2 Hawnhekk qamet diskussjoni dwar il-fatt li din l-istess familja kienet okkupat parti mill-bosk għal snin twal, liema parti hija pubblika u suppost li ġiet imniffda maż-żona li qed titnaddaf mill-Kunsill biex issir rijabilitazzjoni tagħha. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel kuntatt mal-Awtorità tad-Djar fejn dawn jiġu infurmati b'dan kollu u jintalbu biex isir infurzar ma' din il-familja biex jevakwaw din iż-żona.

58.9.3 Is-SE infurmat li kienet ġabet kwotazzjoni għaċ-ċaqliq tal-camera ta' Triq il-Ward biex titpoġġa f'xi lokazzjoni milli indika l-Kunsill iżda tħoss li din kienet pjuttost għalja (€1635). Kien hemm qbil li minħabba li din il-camera ġiet installata bħala parti minn offerta tar-Reġjun, hija għandha tkellem lis-SE biex tara hemmx xi rati differenti fuq l-istess offerta.

58.9.4 Is-SE infurmat li l-Fondazzjoni għall-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija kienet issuġġeriet biex il-Kunsilli Lokali jagħtu appoġġ biex in-Naħla Maltija tiġi meqjusa bħala l-Insett Nazzjonali. Il-Kunsill qabel li jappoġġja din l-inizjattiva.

58.9.5 Is-SE staqsiet jekk il-Kunsill jixtieqx li jkun membru fl-ECAD. Kien hemm qbil li ma jġeddidx din is-sħubija.

58.9.6 Is-SE infurmat li riċentament kienu ġew iffirmati ftehim ta' kollaborazzjoni bejn Lesa u l-AKL. Wieħed minnhom kien biex il-Kunsilli jingħataw 10% taċ-ċitazzjonijiet li jkunu ngħataw f'dik il-lokalità u l-ftehim l-ieħor kien għal għajnuna finanzjarja biex ikun hemm servizz ta' gwardjani bla ħlas għall-Kunsill Lokali u għall-NGO's.

58.9.7 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill għandu madwar €3,000 fi flus pendenti mingħand l-Imtarfa FC għall-kirja tal-Club House. Hija infurmat li fuq il-lista tal-pagamenti hemm ukoll kont ġdid. Min-naħa tagħha sostniet li sakemm dawn il-pendenzi mhux se jitħallsu ma kinitx se tgħaddi l-ħlas għall-kont il-ġdid. Il-Kunsill qabel li għandha taċċerta li jitħallsu l-flejjes li huma pendenti mill-aktar fis possibbli qabel ma jsiru aktar ħlasijiet f'isimhom.

58.9.8 Il-Kunsillier Fenech informa li ġibdulu l-attenzjoni li kienet infetħet grada fuq wara tal-eks sptar li tagħti għal ġo Triq Sir David Bruce. Minħabba li ħadd mill-Kunsill Lokali ma kellu informazzjoni dwarha kien hemm qbil li s-SE għandha tibgħat kommunikazzjoni lis-sezzjoni tal-infurzar tal-Awtorità tal-Ippjanar.

58.9.9 Is-SE infurmat lill-Kunsilliera li nhar il-Ġimgħa 21 ta' Lulju kienet se tinżamm attività ta' *Team Building* bejn il-ħaddiema kollha u għaldaqstant l-uffiċċju tal-Kunsill kien se jkun magħluq għall-pubbliku. Hija infurmat lill-Kunsilliera li huma mistiedna jattendu magħhom kemm-il darba hemm minnhom li jixtiequ jagħmlu dan.

58.9.10 Is-SE infurmat li se tiġi ordnata biċċa għamara għal-librerija mill-fondi tal-iskema tar-Reġjun bi qbil mal-librara. Qed jinxtraw ukoll numru ta' kotba ġodda bil-kumplament tal-flus.

58.9.11 Is-SE staqsiet jekk hemmx oġġezzjoni li jerġa' jsir ftehim ieħor mad-Depiro biex jużaw il-librerija u dawn jagħmlu donazzjoni ta' €500 f'kotba għall-istess librerija bħalma sar fis-sena 2022. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

58.9.12 Is-SE infurmat li kienet irċeviet numru ta' kwotazzjonijiet għas-servizz ta' Project Management bħala għajnuna fuq il-proġetti varji li għandu l-Kunsill. Kien hemm qbil li s-SE għandha tmexxi bl-aktar kwotazzjoni rħisa.

## 58.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

58.10.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 06/2023), kopja tagħha mehmuża.

58.10.2 Il-Kunsillier Sammut Dimech proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Mifsud issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 58.11 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

58.11.1 Il-laqgħa spiċċat fit-7:40pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 24 ta' Lulju 2023 fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tnejn 24 ta' Lulju 2023.

Kyle Mifsud
Sindku

Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv